Dispożittiv

1) Peress li l-leġiżlazzjoni li tittrasponi fis-sistema legali Taljana d-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, ma hijiex konformi b'mod sħiħ ma' din id-direttiva, u peress li s-sistema ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 9 tagħha ma tiżgurax li d-derogi adottati mill-awtoritajiet kompetenti Taljani josservaw il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-artikolu, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha abbażi tal-Artikoli 2 sa 7, 9 sa 11, 13 u 18 tad-direttiva msemmija.

2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Lulju 2010 – Il-Kummissjoni vs Il-Greċja

(Kawża C-512/09)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/66/KE — Batteriji u akkumulaturi kif ukoll skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/66) (ara l-punti 7-10)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, il-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, p. 1).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE, ir-Repubblika Ellenika naqset li twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-15 ta' Lulju 2010 – Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu

(Kawża C-8/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2006/46/KE — Kontijiet annwali u kontijiet konsolidati ta' kumpanniji — Nuqqas ta' traspożizzjoni kompleta fit-terminu previst"